MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru 36/2012

Il-Pulizija
(Spettur Kylie Borg)

vs

Omar Joseph Trabelsi
Sammy Trabelsi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 329189(M) u 427095(M) rispettivament, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa il-Belt Valletta, nhar il-11 ta' Jannar 2012, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija;

- ikkommettew serq ta deheb ta' valur li jeccedi €232.94 imma ma jeccediex € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil- valur, bil-hin u ghad-detriment ta' Mark Mintoff;

Lil Omar Joseph Trabelsi wahdu nakkuzah:

(i) talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

(ii) talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta, datata 11 ta'Mejju 2009;

(iii) talli ikkommetta reat waqt li hu taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LLD nhar il-11 ta' Novembru 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

Lil Sammy Trabelsi wahdu nakkuzah:

(i) Talli ikkommetta reat waqt li hu taht ordni ta' probation, liema sentenza inghataw mill-Qorti tal-Magistrati preseduti mill-Magistrat Dr. D. Clarke LLD nhar it-23 ta' Marzu 2011 u Dr. C. Stafrace Zammit LLD nhar id-29 ta' Settembru 2010 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li inghatalhom zmien jikkunsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza komuni ghaz-zewg imputati hi dik ta' serq. Din tirrizulta anke mix-xhieda tad-derubat. Is-serq jinghad li hu aggravat bil-valur u hin; Dawn l-aggravji wkoll jirrisultaw; il-hin kien filghaxija u l-valur ta' l-oggett li nsteraq kien aktar minn €232.94 izda anqas minn €2329.37.

Mill-bqija jirrisulta:

- fil-konfront tal-imputat Omar Joseph Trabelsi
i. li hu recidiv
ii. li kkommetta r-reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza
iii. li wkoll ikkommetta r-reat meta kien taht ordni ta' probation.

- fil-konfront tal-imputat Sammy Trabelsi (minorenni)
i. b'effett biss tal-ammissjoni tieghu stess li kkommetta r-reat meta kien that ordni ta' probation.

Rat l-Artikoli 261 (c), (f), 267, 270, 279 (a), 49 u 50, 280 (i) u wkoll l-Artikolu 37 u 31 tac-citat kap fil-konfront tal-imputat Sammy Trabelsi.

Rat ukoll l-Artikolu 28B tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Tiddikjarhom hatja.

Tiddeciedi:

- fil- konfront ta' Omar Joseph Trabelsi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 28B (1) (2b) tal-Kap 9 billi tbiddel l-ordni originali maghmul bis-sahha tas-sentenza tal-11 ta' Mejju

2009 b'dan li l-perjodu operattiv f'dik is-sentenza jinbiddel f'perjodu iehor ta' erba snin dekorribbli mill-lum.

- Fil-kontront tal-imputat Sammy Trabelsi li tikkundannah sitt xhur prigunerija sospiza ghall-sena mill-lum.

Tikkundanna wkoll l-imputati 'insolidum' li ihalsu lid-derubat ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 s-somma ta' €250.

Il-Qorti spiegat lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------